# Dun Mario Grech (1560-1638)

## Qassis Qormi li kien l-Ewwel Kappillan ta' Ħal Lija

kitba ta' Dr Joseph F. Grima



Li Dun Mario Grech twieled Ħal Qormi fl-1560 nafuh minn dikjarazzjoni tiegħu stess meta ngħata l-Ordnijiet Minuri fil-25 ta' Marzu 1581. Forsi hawn min jistaqsi għaliex ma nfittxuhx fir-reġistru tal-magħmudijiet tal-parroċċa? Ma nistgħux nagħmlu hekk għax ir-reġistri tal-arkivju parrokkjali ta' Ħal Qormi inbdew fl-1563, jiġifieri tliet snin wara t-twelid tiegħu u allura impossibbli li nkunu nafu minnhom; la d-data sħiħa ta' meta twieled u lanqas l-ismijiet u xi tagħrif ieħor relevanti dwar il-ġenituri u r-razza familjali tiegħu. Hu ta servizz fil-Katidral tal-Imdina u, fl-assenza tal-Isqof Tommaso Gargallo li kien imsiefer, Dun Mario ġie ordnat saċerdot barra minn Malta nhar is-17 ta' Marzu 1584. Kien imħarreġ sew fil-Latin u kien ukoll, almenu skont il-Vista Pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares tal-1618, konfessur għad-djoċesi Maltija kollha. Fid-29 ta' Ġunju 1585, Dun Franġisk Cassia ngħata l-pussess tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi. Fl-istess jum il-Kappillan Cassia, b'awtorizzazzjoni mill-Kurja Veskovili, ħatar lil Dun Mario bħala kurat tal-istess parroċċa, iżda jidher li Dun Mario kien ilu jeżerċita din il-ħatra minn xi żmien qabel, forsi wkoll minn perjodu qasir ferm wara l-ordinazzjoni tiegħu. Fl-1587 u fl-1592 kienu saru laqgħat għall-kleru kollu ta' Malta u Dun Mario kien preżenti fiż-żewġ okkażjonijiet. Dun Mario dam fil-kariga ta' kurat f'raħal twelidu sal-1594 u allura jidher li, flimkien mal-kappillan, kien involut sew fl-ewwel stadji tal-bini tal-knisja parrokkjali preżenti ta' San Ġorġ, xogħol li kien inbeda fl-1584.



Disinn tas-seklu dsatax tal-Knisja l-Qadima tas-Salvatur f'Ħal Lija. Il-koppla u l-kappellun li jidher saru fi żmien il-Kappillan Dun Mario Grech. (Ħajr: Heritage Malta)



Il-bieb ewlieni tal-Knisja l-Qadima tas-Salvatur, l-ewwel knisja parrokkjali ta' Ħal Lija. (Ritratt: Joseph F. Grima)

Fis-6 ta' Frar 1594, twaqqfet il-parroċċa ta' Ħal Lija mill-Isqof Tommaso Gargallo. L-għada stess, jiġifieri fis-7 ta' Frar, Dun Mario nħatar l-ewwel kappillan ta' din il-parroċċa ġdida u ngħata l-pusses fit-18 tal-istess xahar. Dak iż-żmien, mhux bħalma hi l-prattika llum il-ġurnata, kien isir konkors bejn dawk il-kandidati li kienu japplikaw għal kappellanija vakanti biex jintgħażel dak il-qassis li jaħsbu kien l-aktar persuna adattata biex tmexxi dik il-parroċċa partikolari. Għandna għax naħsbu li l-esperjenza li Dun Mario kien kiseb tul kważi għaxar snin bħala kurat ta' Ħal Qormi għinitu biex intgħażel kappillan. Mat-tluq tiegħu minn Ħal Qormi, Dun Mario kien marbut jagħti rendikont tal-Amministrazzjoni tiegħu kif ukoll jirranġa mal-Kappillan Cassia dwar xi ħlasijiet li kellu jieħu għal xi servizzi li tagħhom ma kienx għadu tħallas.

Bħala knisja parrokkjali ta' Ħal Lija ntagħżlet dik tas-Salvatur li pjuttost kienet fil-periferija tar-raħal. Sar hekk għax kienet l-akbar knisja fil-lokal, akbar mill-Knisja ta' Sant'Andrija li kienet fiċ-ċentru ta' Ħal Lija u kienet użata bħala l-perm tal-attivitajiet pastorali qabel Ħal Lija nfatmet minn ma' Birkirkara. Il-popolazzjoni ta' din il-parroċċa ġdida kienet ta' madwar 400 ruħ li kienu jgħixu fi 80 dar fl-1575 iżda fl-1610 ma' Ħal Lija ingħaqdu Ħal Bordi u Ħal Mann (li allura nqatgħu minn ma' H'Attard) biex b'hekk il-Kappillan

• ikompli minn paġna 99

• ikompli minn paġna 97

Grech fl-1614 kellu fi ħsiebu 857 ruħ li żdiedu għal madwar 1000 persuna fi tmiem il-parrokat tiegħu fl-1638. Għaldaqstant, il-knisja – illum magħrufa bħala l-qadima – tas-Salvatur kien hemm bżonn li titkabbar u din kienet waħda mill-ewwel problemi li kellu jiffaċċja dan il-kappillan ġdid. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet li kienu twaqqfu fl-imgħoddi fil-Knisja ta' Sant'Andrija kellhom jiġu trasferiti għall-knisja parrokkjali.

Il-knisja parrokkjali li beda jservi minnha Dun Mario kienet ta' forma rettangolari iżda l-Kappillan Grech ħa ħsieb iżidilha żewġ kappelluni biex ħadet is-sura ta' Salib Latin, żjieda li kien ifisser li kellha ssir ukoll koppla. Ix-xogħol tat-tkabbir ma nbediex qabel l-1601 fil-waqt li l-koppla tlestiet fl-1615 biex b'hekk intemm ix-xogħol tal-bini. L-artal kien imdawwar bil-balavostri, kien hemm artali fil-ġnub u fil-kappelluni, u l-knisja kellha biżżejjed paramenti sagri u armar xieraq. Kif għidna, il-knisja kienet lesta sal-1615 u hi waħda mill-ewwel knejjes parrokkjali f'Malta li nbnew bil-kappelluni. Il-koppla hi wkoll waħda mill-ewwel li ttellgħu f'Malta u hi fl-għamla ta' plattin iserraħ fuq tambur għoli, għamla pjuttost rudimentari għalkemm irridu nżommu f'rasna li l-bini tal-koppli Maltin fl-ewwel snin tas-seklu sbatax kien għadu fi stadju bikri. Dil-knisja, fis-sura li ħadet taħt il-Kappillan Grech, baqgħet tiffunzjona bħala l-fus tal-ħajja parokkjali għal madwar mitt sena, sakemm inbniet il-knisja parrokkjali preżenti, mingħajr ma sar tibdil partikolari fiha.



L-artal maġġur tal-Knisja l-Qadima tas-Salvatur f'Ħal Lija. Ninnotaw, apparti l-pittura titulari tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù li ma tantx hi ta' preġju artistiku, il-prospettiva rfinuta tal-artal li hu tal-ġebel u mdawwar bil-balavostri bħalma kien fi żmien il-Kappillan Dun Mario Grech. (Ritratt: Joseph F. Grima)

Mill-knisja ta' Sant'Andrija ġiet trasferita l-Fratellanza tas-SS. Sagrament li kien waqqaf Mons Dusina fl-1575 u magħha, fi żmien il-Kappillan Grech. twaqqfet ukoll il-Fratellanza tar-Rużarju fl-1599. B'kollox fl-1615, kien hemm 15 u 16-il fratell rispettivament li kienu jilbsu l-kunfratija, u dan apparti minn numru ta' nies – irġiel u nisa – li kienu membri. Il-kappillan kien joqgħod f'dar ħdejn il-knisja parrokkjali fejn inbniet ukoll kappella dedikata lil Santu Rokku u San Bastjan, protetturi kontra l-imxija tal-pesta. Ħal Lija kienet batiet minn din l-imxija fl-1592/3 u, minħabba f'hekk, nibtet f'dan il-lokal id-devozzjoni lejn dawn iż-żewġ qaddisin li kellhom ukoll artal fil-knisja parrokkjali ddedikat lilhom. Fl-1612, inbniet mill-ġdid il-Kappella ta' San Bartilmew f'Ħal Mann u l-istess għamlu in nies ta' Ħal Lija lill-Knisja ta' Sant'Andrija fl-1624.

Għall-ewwel, Dun Mario ftit li xejn sab għajnuna fix-xogħol pastorali tiegħu għax l-uniku qassis mil-lokal, Dun Indriċ Galea minn Ħal Mann, kien Kurat ta' Birkirkara. Kellhom jgħaddu erba' snin qabel ġie ordnat l-ewwel qassis minn din il-parroċċa ġdida, Dun Ġwann Marija Agius, fl-1598. Iżda l-għajnuna żdiedet għax, tul it-tletin sena ta' wara, ordnaw seba' saċerdoti mil-lokal. Fl-1618, il-kleru Lijan kien magħmul minn erba' qassisin, numru li tela' għal disgħa fl-1638. Fl-1614, Dun Mario għammed tarbija, Ġwann Dumink Attard, li kellu jkun is-suċċessur tiegħu bħala kappillan.

Tul il-ħajja saċerdotali tiegħu ta' 54 sena, Dun Mario Grech ħadem f'żewġ parroċċi biss: bħala Kurat f'pajjiżu Ħal Qormi u Kappillan f'Ħal Lija fejn dam imexxi l-parroċċa għal mhux anqas minn 44 sena, perjodu twil li fih f'Ħal Lija saru tmien Visti Pastorali mill-Isqfijiet ta' Malta. Minkejja li kiber fl-età, baqa' jaħdem sal-aħħar u baqa' bir-reqqa jwettaq ix-xogħol pastorali fdat f'idejh. Nhar it-28 ta' Frar 1638 għamel it-testment tiegħu għand in-Nutar Mario Attard u miet ftit xhur wara, eżattament fil-31 ta' Mejju, f'Ħal Lija stess, fl-għomor ta' 78 sena. Bil-ħidma pastorali u l-eżempju tiegħu, Dun Mario Grech ċertament kien iben denn ta' Ħal Qormi u tal-Knisja Kattolika f'Malta.

**Biblijografija:**


V. Borg (Editur), *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija: Storja – Arkitettura – Pittura*, Malta 1982.

V. Borg, *Melita Sacra II – The Maltese Diocese during the Sixteenth Century*, Malta 2009.

A. Ebejer, *Ħal Lija Il-Villa Maltija*, Malta 1976.

Ġ. Fenech (Editur), *Ħal Lija – Ħarsa lejn l-Imgħoddi*, Malta 1994.